MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1605/2003

**Carmel Vassallo**

**vs**

**Lorenza Callus**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 t' Awissu, 2003 fejn inqtal:**
**1. Illi f'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dott. Mary Grech Pace datat 11 ta' Gunju, 2003, il-konvenuta bieghet lil Angelo Bonello u martu Maria Bonello diversi porzjonijiet divisi ta' art fabrikabbli formanti parti minn art maghrufa bhala "Tal-Andar" jew "Tax-Xwieki" fis-Siggiewi, Malta –Dok A.**

**2. Illi l-attur gie mqabbad mill-konvenuta Lorenza Callus biex javvicina lil Angelo Bonello u martu Maria Bonello biex jinnegozja l-prezz ta' dawn il-porzjonijiet divisi ta' art fabbrikabbli.**
**3. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi, anke b'ittra ufficjali datata 22 ta' Lulju, 2003, biex thallas id-dritt tas-senserija dovuta lill-attur, il-konvenuta baqghet inadempjenti.**
**Ghaldaqstant l-attur jitlob umilment lil dan it-Tribunal sabiex:**
**a) Jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta' mija u hamsin lira (Lm150.00) jew ammont inferjuri dovuti lilu bhala dritt ta' senserija ghal bejgh li sar bejn Lorenza Callus u Angelo Bonello u martu Maria Bonello permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Mary Grech Pace datat 11 ta' Gunju, 2003.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Lulju, 2003 u bl-imghax relattiv sal-pagament effettiv.**

**Ra n-nota prezentata mill-konvenuta Lorenza Callusipprezentata fl-10 ta' Settembru, 2003 fejn intqal :**
**Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur qatt m'agixxa ta' sensar fil-bejgh in kwistjoni u hija giet avvicinata biex tbiegh sehemha mill-ghalqa in kwistjoni minn Angelo Bonello stess u Silvio Borg.**
**Illi l-imsemmi Angelo Bonello kien diga' akkwista sehem indiviz mill-ghalqa in kwistjoni minghand Angelo Agius.**
**Illi huwa diga' kien jaf min huma l-koproprjetarji l-ohra tal-ghalqa in kwistjoni fosthom mart l-attur Nikolina Vassallo.**
**Illi l-attur la qatt deher fil-konvenju ghal vendita in kwistjoni u l-anqas fl-att finali, tant li l-partijiet iddikjaraw illi m'hemm l-ebda senserija dovuta lil hadd fuq l-att finali peress illi Angelo Bonello kien avvicina direttament lill-konvenuta.**
**Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmelo Vassallo, Angelo Bonello, Salvino Bezzina, Nutar Philip Said, Lorenza Callus, Guzeppi Vassallo, Anthony Vassallo. Ra l-affidavit tan-Nutar Mary Grech Pace. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jitlob senserija ghal bejgh li sar fil-11 ta' Gunju, 2003 meta l-konvenuta bieghet lil Angelo Bonello u martu Marija porzjonijiet ta' art maghrufa bhala "Tal-Andar" jew "Tax-Xwieki" is-Siggiewi.**
**2. Il-konvenuta qed tghid illi l-attur qatt m'agixxa ta' sensar u illi Angelo Bonello kien gia akkwista parti mill-art, u kien jaf min kienu koproprjetarji l-ohra ta' l-art fosthom mart l-attur Nikolina Vassallo.**
**3. Fil-kuntratt tal-11 ta' Gunju, 2003 fuq riferit hemm specifikat fil-klawsola 5 illi ma hemmx senserija.**
**4. In-Nutar Mary Grech Pace tikkonferma illi fuq il-konvenju ma ssemmietx illi kien hemm senserija u li ghal konvenju kienu prezenti biss Angelo Bonello u Lorenza Callus.**
**5. L-attur jinsisti li kien ha hu lil Angelo Bonello jara l-ghalqa u li kien laqqa' lill-ahwa kollha. L-istess attur jaghmel referenza ghal skrittura Dok B datata 1 ta' Mejju, 2002, fejn hemm imnizzel is-segwenti:**
**"il-partijiet qeghdin jifthemu illi Carmelo Vassallo ghandu javvicina lil Angelo Bonello biex jinvestiga jekk iridx jixtri l-garage bir-raba' tieghu. Jara x'inhu t-tir tieghu fil-prezz u l-istess partijiet ghandhom jitkellmu bejniethom." L-attur qed jinterpreta din il-klawsola bhala l-klawsola li taghtih id-dritt ghas-senserija.**
**6. Angelo Bonello jikkonferma li l-attur kien avvicinah biex jara jekk**
**hux interessat li jixtri l-ghalqa. L-istess Angelo Bonello jghid illi l-prezz innegozjah ma' kull wiehed mill-koproprjetarji. Ma hemmx dubbju illi tkellem ukoll ma' Carmelo Vassallo dwar il-prezz peress illi dan huwa wiehed mill-irgiel ta' wahda mill-koproprjetarji. Jigi enfasizzat illi Bonello kien esplicitu hafna fix-xhieda tieghu meta qal:**

**“meta nnegozjat il-bejgh, jiena nnegozjajt direttament mas-
sidien tal-proprjeta’”.**

**7. Il-konvenuta fil-fatt tghid illi kienet giet avvicinata minn Silvio
Borg u Angelo Bonello dwar il-bejgh. Hi tinnota li meta waslet ghal bejgh, il-kuntratt tas-sehem taghha ghamlitu wehidha, filwaqt illi l-ohrajn ghamluh flimkien. Il-konvenuta tghid ukoll illi l-koproprejtarji kienu ftehmu li ma jkunx hemm sensar.**

**8. In-Nutar Philip Said jikkonferma illi l-ewwel wahda li bieghet is-sehem indiviz taghha kienet Angolina Agius, b’kuntratt tat-28 ta’ Gunju, 2002 fl-atti tieghu, u f’dak il-kaz is-sensar kien Silvio Borg u l-akkwirenti kienu l-istess Angelo Bonello martu Marija. L-istess Nutar jikkonferma illi l-attur kien qed jagixxi ghal martu.**

**9. Ghalhekk mill-ezami ta’ dawn il-provi u tal-provi l-ohra migjuba, jirrizulta illi Angelo Bonello kien jaf minn qabel ma sar il-bejgh li fuqu qed tigi pretiza s-senserija, min kienu l-kopropretarji. Jirrizulta wkoll illi Carmelo Vassallo ghalkemm kienu nkarigawh biex ikellem lil Angelo Bonello u dana kif jirrizulta mill-iskrittura Dok B, hu ma giex inkarigat b’dik l-iskrittura li jinnegozja l-prezz. Lanqas ma jirrizulta minn din l-ahhar skrittura illi b’daqshekk l-ahwa Vassallo kienu qeghdin jirrikonoxxu xi dritt ta’ senserija fil-konfront ta’ Carmelo Vassallo. Jirrizulta illi Carmelo Vassallo kien qed jagixxi ghal martu, in partikolari u kif intqal kien biss ikkomunika ma’ Angelo Bonello dwar illi l-partijiet l-ohra riedu jbieghu. Qed jigi rilevat ukoll illi x-xhieda tan-Nutara u d-dokumenti esebiti juru bic-car illi l-attur ma kellux dritt ghal senserija, pero’ apparti minn dana kollu lanqas ma jirrizulta illi l-attur innegozja l-prezz ghaliex kienet Lorenza Callus illi nnegozjat il-prezz ma’ Angelo Bonello.**

**10. Ghalhekk ma jistax fic-cirkostanzi l-attur jippretendi hlas ta’
senserija u lanqas ma jista’ jippretendi xi forma ta’ kumpens iehor ghaliex fil-konfront tal-kuntratt tal-11 ta’ Gunju, 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Mary Grech Pace l-istess attur ma kien ta ebda kontribut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax, it-Tribunal qed jichad it-talba attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------